**QORTI CIVILI – PRIM'AWLA**

**IMHALLEF:**

**ONOR. DR. GINO CAMILLERI, LL.D.**

**SEDUTA TAS-16 TA' JANNAR, 2001.**

**Citazzjoni numru 1034/00GC**

**Edrichton holidays Ltd**

**Vs.**

**Burlington holdings Ltd**

**Il-Qorti;**

**Rat ic-citazzjoni li biha is-socjeta attrici wara li ppremettiet:-**

**Illi is-socjeta konvenuta hija debitrici tas-socjeta attrici ghas-somma ta' elfejn u sitt mija liri maltin (Lm2600) rapprezentanti hlas ta' xoghol ta' aluminium u spejjez ohra relatati u konnessi ma' l-istess servizzi rezi mis-socjeta attrici lis-socjeta konvenuta fuq ordni u inkariku specifiku tas-socjeta konvenuta stess kif jirrizulta mid-dokumenti hawn annessi, markati Dok. A;**

**Illi ghalkemm interpellata diversi drabi biex thallas is-socjeta konvenuta baqghet inadempjenti;**

**Illi l-kreditu huwa cert, likwidu u skadut u s-socjeta attrici kkonfermat il-kreditu b'Affidavit a tenur tal-artikoli l67 sa l70 tal-Kodici tal-Procedura Civili u li fil-fehma taghha is-socjeta konvenuta m'ghandhiex eccezzjonijiet x'taghti;**

**Talbet ghalhekk lis-socjeta konvenuta tghid ghaliex m'ghandhiex din l-Onorabbli Qorti:-**

1. **Tiddeciedi l-kawza billi tilqa' it-talbiet attrici bid-dispensa tas-smiegh u bl-abbrevjazzjoni tat-termini a tenur ta l-artikolu l67 sa l70 tal-Kodici tal-Procedura Civili;**

**2. Tikkundanna lis-socjeta konvenuta thallas lis-socjeta attrici s-somma ta' elfejn u sitt mija lira maltin (Lm2600) lis-socjeta attrici;**

**Bl-ispejjes u bl-imghax u b'riserva ta' kull azzjoni fil-ligi kontra is-socjeta konvenuta li giet ingunta ghas-subizzjoni;**

**Rat il-verbal tallum stess;**

**Peress li il-kreditu tas-socjeta attrici huwa ibbazat fuq l-iskrittura tad-9 ta' Frar, l998, li jinsab esebit a fol. 7 tal-proces u peress li jidher illi il-pretensjonijiet tas-socjeta konvenuta m'ghandhom x'jaqsmu xejn mal-kreditu vantat mis-socjeta attrici u peress li jidher li is-socjeta konvenuta m'ghandhiex eccezzjonijiet x'taghti;**

**Inoltre rat l-ammissjoni tat-talbiet attrici kif dedotti fic-citazzjoni kif regaistrata fil-verbal tallum minn Winston Carbone li iddikkjara li ghandu ir-rapprezentanza tas-socjeta konvenuta f'din il-kawza;**

**Billi mill-ammissjoni tas-socjeta konvenuta it-talbiet dedotti fic-citazzjoni jirrizultaw pruvati;**

**Fuq ammissjoni tas-socjeta konvenuta tiddeciedi billi tilqa tilqa it-talbiet attrici kif dedotti fic-citazzjoni bl-imghax u bl-ispejjes kontra is-socjeta konvenuta.**

**Imhallef**

**Deputat Registratur**